MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010

Numru. 1281/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR PAUL BOND**
**KONTRA**

**JEAN PAUL FRANCIS DESMOND**
**RAPHAEL IVAN JACOB MAMO**
**LORA XERRI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra;

Jean Paul Francis Desmond Raphael Ivan Jacob Mamo, bin Emanuel u Louise nee' Robicheau, mwieled Cardiff (Wales) nhar il- 11 ta' Settembru 1976, residenti Lilton

Apts, Flat 2, Triq il- Ġifen, San Pawl il- Baħar u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 18087M;

U

Lora Xerri, bint Carmelo u Speranza nee' Galea, mwielda Pieta' nhar 27 ta' Settembru 1982, residenti Lilton Apts, Flat 2, Triq il- Ġifen, San Pawl il- Baħar u detentriċi tal- Karta tal- Identita' bin- numru 519982M;

Li ġew mressqa quddiemha sabiex iwieġbu għall- imputazzjonijiet;

Talli:

1) Nhar l- Erbgħa 2 ta' Diċembru 2009, għal ħabta ta' bejn is- 6.00pm u s- 6.30pm waqt li kienu fil- fond Lilton Apts, Flat 2, Triq il- Ġifen, San Pawl il- Baħar ikkommettew serq ta' flus li jammontaw għal €200, liema serq hu aggravat bil- vjolenza, persuna, lok u ħin u dan għad- dannu ta' Solomon Ghebreaslase Ghebremedhin;

2) U aktar talli fl- istess data, lok u ħin waqt li l- imsemmi Jean Paul Francis Desmond Rapheal Ivan Jacob Mamo kien sejjer jikkommetti l- imsemmi delitt jew wara li kkonsma l- istess delitt, ġarr fuqu u kellu fil- pussess tiegħu arma regolari (sikkina) u b' liema sikkina hedded lill- imsemmi Solomon Ghebreaslase Ghebremedhin;

3) Ukoll talli l- istess Jean Paul Francis Desmond Rapheal Ivan Jacob Mamo fl- istess data, ħin u lok, attakka lill- imsemmi vittma u wara li tah diversi daqqiet fuq il- persuna tiegħu, ikkaġunalu offiżi ta' natura salv komplikazzjonijiet u dan skont ma kif iċċertifikaw it- tobba Sciriha Gabriella MD (Reg 3049) u Alison Micallef MD tal- isptar Mater Dei;

4) U aktar talli fl- istess data, ħin u lok, l- imsemmi Jean Paul Francis Demsond Raphael Ivan Jacob Mamo,

ġarr u żamm fuqu l- imsemmija arma regolari mingħajr liċenzja tal- Kummissarju tal- Pulizija;

5) Lil Jean Paul Mamo talli hu recidiv b'sentenza ta' din il-Qorti datata 26 ta' Frar 2009;

Rat id-dokumenti kollha eżebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni fi stadju ta' provi difiza f' dawn il-proċeduri, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tathom żmien xieraq skond il-liġi sabiex jirrikonsidraw, u għalhekk il-Qorti setgħet tgħaddi minnufih għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Illi bl-ammissjoni tal-imputati l-Qorti m'ghandhiex ghazla hlief li ssibhom hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom, u ghaldaqstant tghaddi minnufih biex tikkonsidra l-piena idonea ghar-reat in kwistjoni. L-Artikolu 274(c) tal-Kap 9 jiddisponi illi l-piena ghal serq bil-vjolenza ghandha tkun ta' prigunerija bejn sentejn u hames snin. Ghal xi raguni, l-Avukat Generali indika l-Artikoli 276 u 276A ghall-finijiet ta' piena, fejn it-terminu ta' prigunerija hu ferm inqas minn dak imsemmi aktar qabel. Fil-kaz ta' Mamo, ghalhekk, il-Qorti sejra taghtih il-piena ta' sentejn prigunerija effettivi, li hija ferm entro l-parametri prefissi, mentri ghal Xerri, tenut kont li ghandha problema serja ta' dipendenza fuq id-droga u tenut kont ukoll li ghandha fedina penali netta, sejra tinghata Ordni ta' Probation fl-intier taghha.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 261 (a) (d) (e) (f), 262, 268, 269, 270, 276, 276A, 281, 18, 251 (A) (B) (C), 228 (1) (b) (d) (e) (i), 214, 215, 221 (1) (2) (3), 64, 17, 23, 23B, 30, 31, 42, 49, 50, 289, 532A, 532B u 533 tal- Kapitolu 9 tal- Liġijiet ta' Malta;
Kif ukoll l- Artikoli 3 (a), 4, 5 (1), 6, 41, 51 (8), 55, 56, 57 u 61 u l- iskeda III tat- Taqsima II tal- Kapitolu 480 tal- Liġijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputati ħatja u għaldaqstant tikkundanna lil Jean Paul Francis Desmond Raphael Ivan Jacob Mamo sentejn priġunerija fil-waqt li tapplika l- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 tal- Liġijiet ta' Malta għall- imputata Lora Xerri għal tlitt (3) snin.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------